

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni*: oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell*: appell miċħud

*Motivi invokati*: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2012 — Deutsche Bank vs UASI (Passion to Perform)**

(Kawża T-291/12)

(2012/C 273/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent*: Deutsche Bank (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Lange, T. Götting and G. Hild, avukati)

*Konvenut*: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-24 ta' April 2012, fil-Każ R 2233/2011-4; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata*: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Komunità Ewropea tat-trade mark verbali "Passion to Perform" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 35, 36, 38, 41 u 42 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru W 1066295

*Deċiżjoni tal-eżaminatur*: protezzjoni tat-trade mark fil-Komunità Ewropea rriġutata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell*: appell miċħud

*Motivi invokati*: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2012 — Mega Brands vs UASI — Diset (MAGNEXT)**

(Kawża T-292/12)

(2012/C 273/25)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Mega Brands International, Luxembourg, Zweigniederlassung Zug (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Nordemann, avukat)

*Konvenut*: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell*: Diset, SA (Barcelona, Spanja)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-24 ta' April 2012, fil-Każ R 1722/2011-4 u tiċħad l-oppożizzjoni Nru B 1681447; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja*: ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata*: it-trade mark verbali "MAGNEXT", għal prodotti fil-klassi 28 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8990591

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat*: it-trade mark verbali Spanjola "MAGNET 4", irreġistrata bin-Nru 2550099 għal prodotti fil-klassi 28; it-trade mark figurattiva Komunitarja "Diset Magnetics", irreġistrata bin-Nru 3840121 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 28 u 41

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni*: oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda kollha kemm hi

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell*: appell miċħud

*Motivi invokati*: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.